MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 680/2009

***Humphrey Mifsud***

***Vs***

***Michael Casha***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf tlett mija tlieta u tletin Ewro (€1,333) u cioe’ ekwivalenti ghal hames mija tnejn u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm572.26), liema somma tirrapprezenta xoghol ta’ tqeghid ta’ madum, kisi, zebgha u affarijiet simili. Bl-imghax u l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi parti mix-xogholijiet maghmula mill-attur mhumiex skond is-sengha u l-arti.

Inoltre t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont reklamat mil-attur ghax-xoghol li ghamel fuq inkarigu tal-konvenut huwa esagerat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda tal-attur Humphrey Mifsud, li kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel xogholijiet ta' blajjiet, kisi, pilastri, dawl u kisi u tikhil tal-faccata. Kellu jaghmel ukoll il-"*plastering*" ta' dawn kollha. Ix-xogholijiet kellhom isiru f'kamra li kienet tinstab fuq il-garaxx, proprjeta' tal-konvenut.

Il-madum kien xtrah il-konvenut, pero' jghid li hu kien hallas ghal materjal personalment.

Ix-xoghol kien sar bic-"*chaser*" u "*jigger*" u kellu jarma l-makkinarju fuq in-naha ta' barra.

Kien hemm lift u ghal bidu l-konvenut ma kienx qallu li ried li l-madum jitpogga livell mal-art tal-lift u wara li pogga dan il-madum, gie tlett pulzieri ghola mill-livell ta' l-art ta' dan il-lift u ghalhekk kellu jerga' jinqala' fuq insistenza tal-konvenut, li kien qal lill-attur li kien mohhu mistrieh ghal flus.

Il-madum rega' tpogga mill-gdid u l-attur jikkonferma li ghal dak li jirrigwarda t-tqeghid tal-madum, kien zammlu darbtejn, peress li l-konvenut kien nesa' jghidlu li riedu livell mal-art tal-lift.
Meta gie sabiex jithallas, l-attur ighid li l-konvenut ma kienx hallas mill-ewwel u jzid ighid ukoll li ma kienx hemm ftehim fuq l-ammont. L-ammont kien ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan kien jikkonsisti f'materjal, l-pagi ta' zewg impjegati, xiri ta' siment u kien hemm kiri ta' *crane* sabiex titbaxxa t-torba u l-attur jinsisti li kien gibed l-attenzjoni tal-konvenut li t-torba kienet gholja zzejjed. Fuq insistenza tal-konvenut kellu juza' din it-torba l-qadima u mbaghad meta nehha l-madum biex jerga' jitpogga mill-gdid, kien biddel it-torba u gew livell mal-art tal-lift.

Il-konvenut kien qallu li kien dispost li jaghmel zewg pagamenti ta' hames mitt lira (Lm500) u cioe' ekwivalenti ghal elf mija erbgha u sittin Ewro u disgha sittin centezmu (€1,164.69) kull wiehed. L-ewwel pagament kien ta' elf Ewro (€1,000) u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija disgha u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm429.30) u meta rega' mar isaqsih ghal pagament, ma kienx offra aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) u cioe' ekwivalenti ghal mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan peress qallu li n-nies kienu qalulu li kien zamm hafna. L-attur ma kienx accetta dan l-ammont.

L-attur ighid li ma kienx zamm rendikont ta' kemm il-darba marru l-impjegati u lanqas ma zamm rendikont ta' l-ispejjez li nefaq fuq ix-xogholijiet.

Lanqas ma kellu rcevuta ta' meta kera l-"*crane*."

Ra x-xhieda ta' Joshua Gatt, li kien jahdem mal-attur. Jiftakar li kienu poggew l-madum darbtejn fil-proprjeta tal-konvenut u kienu hadmu fuq l-livell li ried il-konvenut u kienu uzaw it-torba li kien hemm. Imbaghad kellhom ibaxxu l-livell tal-madum, biex jigi livell mal-lift.

Jikkonferma li l-attur kien qallu li t-torba ma kienitx tajba ghal dak li ried il-konvenut.

Ix-xhud ighid li ma kienx izomm rendikont ta' kemm kien jahdem mal-attur.

Kien ghamel ukoll pero' xi xoghol ta' kisi u tikhil fuq il-faccata.

Ra x-xhieda tal-Perit Mario Scicluna, li f'Awwissu, 2009 kien gie mitlub mill-konvenut sabiex imur fil-post taghhom u jaghtih stima tax-xogholijiet li kienu saru fil-mahzen, li kien jinsab fuq il-garaxx fuq il-proprjeta' tal-konvenut, mahzen fejn kien izomm l-*ispare parts*, ghaliex kien isewwi l-karozzi.

Minn dak li kien ra fil-mahzen, kien jidher li kien hemm xi tlett madumiet li ma kienux imqiedgha skond is-sengha u l-arti u dan ghaliex kienu aktar baxxi mill-ohrajn. Kien hemm problema ohra ukoll, bil-madum li tpogga fil-galleriji, fl-istess livell.

Tah stima ta’ mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) u cioe’ ekwivalenti ghal hames mija hamsa u tlettin Ewro u sita u sebghin centezmu (€535.76) u dan ghal dak li jirrigwarda t-tqeghid biss, ghaliex il-madum kien ghadu ma giex mghoruk u sabiex dan isir, kien hemm bzonn li jitbaxxa l-livell kollu u din kienet tinvolvi spiza.

Li kieku tnehha biss il-madum li kien aktar baxx, kien idghajjef il-madum li jibqa’ mwahhal, peress illi l-fili kienu jinqatghu.

Ghal dak li jirrigwarda x-xogholijiet ta’ tikhil u zebgha, jghid li kien innota li parti miz-zebgha diga’ kienet qed tinqala’. Kien tah stima ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) u cioe’ ekwivalenti ghal hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tlettin centezmu (€582.34) u dan bhala stima tat-tikhil u blatijiet, biex tinghata z-zebgha fuq il-faccata kien jehtieg li jsir l-invijar. L-istima kienet tinkludi ukoll l-uzu ta’ l-ingenji u t-tibjid fuq il-galleriji, kif ukoll il-materjal.

Dwar it-torba, l-Perit seta’ biss joqghod fuq dak li kien qallu l-konvenut, u cioe’ illi meta l-kuntrattur kien wasal f’nofs triq bit-tqeghid tal-madum, il-konvenut kien waqfu ghaliex ma kienx tal-livel li xtaqu u skond l-i*specifications* li kien jirrikjedi. Ghalhekk kien gieghlu jaqla’ kollox u jerga’ jpoggi l-madum mill-gdid.

Ra x-xhieda ta’ Michael Casha, il-konvenut, li jikkonferma li kien inkariga lill-attur sabiex jaghmillu xogholijiet fil-garaxx, li kien xi 13-il pied.

Kien il-konvenut li kien xtara l-madum u dwar il-livell, il-konvenut jinsisti li kien qal lill-attur, li riedu fl-aktar livell baxx ghaliex il-garaxx kien 16-il filata u kien hemm raft ukoll fuq dan il-garaxx li kien ta’ xi sitt filati ukoll.

Gara li l-madum ma tpoggix fl-aktar livell baxx u ghalhekk il-konvenut kien talbu jbaxxi l-livell.

Jikkonferma li kien inkariga lill-attur jaghmel xi xogholijiet ohra u dawn kienu jikkonsistu:-

(a) kisi ta' zewg galleriji u tqeghid ta' madum fil-galleriji
(b) qtugh ta' tliet pulzieri mill-pezz tal-gallarija minn barra
(c) kellu jiksi tlett blajjiet fuq il-garaxx u kien hemm wahda li kellu jqaxxarha u jiksiha.

Il-konvenut ighid li ma kellhomx ftehim fuq il-prezz ghal dawn ix-xogholijiet izda hass li ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), kienu wisq ghax-xogholijiet li kien wettaq.

Il-konvenut jikkonferma li kien qabbad lil Perit Mario Scicluna, li kien tah stima ta' erba'mija u tmenin lira Maltin (Lm480) u cioe' ekwivalenti ghal elf mija u tmintax-il Euros u ghaxar centezmi (€ 1,118.10). Kien offra li jhallas lill-attur hames mitt lira Maltin (Lm500) u cioe' ekwivalenti ghal elf mija erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda l-attur m'accettax.

Jikkonferma li diga' kien hemm torba fil-kontrabejt u kien talab l-attur jaghmlu l-aktar baxx, izda ma setax ighidlu precisament.

Il-konvenut ighid li l-attur ma kienx qallu li sabiex jitbaxxa l-livell tal-madum, kien jehtieg li terga' titpogga l-torba mill-gdid.

Jikkonferma ukoll li kellu xi hsarat fil-lifts.

Fejn kienu qed isiru x-xogholjiet, kien jigi ntuzat bhala *store* u ma kienx minnu li kien jitlob lill-attur jahdem is-Sibtijiet.

Ighid li kien ghamel xi pagamenti, pero’ l-attur kien dam ma lesta x-xogholijiet u sadanittant kien gie nstallat il-lift u ghalhekk kien maghfus.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti

Ikkunsidra

L-attur qed jitlob il-bilanc dovut lilu ghal xogholijiet li ghamel fil-post tal-konvenut.

Ix-xoghol kienu jikkonsistu fi tqeghid ta’ madum, kisi u zebgha. Ghal dawn ix-xogholijiet ma jirrizultax li l-attur kien ta stima lill-konvenut, pero’ dan ta’ l-ahhar kien diga’ hallas elf Ewro (Eur.1000).

L-attur ammeta li ma kienx f’posizzjoni li jesebixxi l-ircevuti tal-materjal u records ta’ kemm il-siegha kienu hadmu l-impjegati tieghu.
Madankollu, l-argument tal-konvenut, in difiza tat-talba attrici, huwa li x-xogholijiet mwettqa mill-attur ma kienux skond is-sengha u l-arti.

Il-konvenut ihoss li x-xogholijiet hziena kienu primarjament, in kwantu kien jirrigwarda t-tqeghid tat-torba. L-attur jinsisti li l-konvenut kien talbu juza’ t-torba ezistenti u li kien nesa’ jghidlu li kien ried it-torba baxxa u fl-istess livell tal-madum tal-lift.

Ix-xhud Joshua Gatt, li kien ghamel xi zmien jahdem ghall-attur jikkonferma li l-attur kien gibed l-attenzjoni lill-konvenut, li t-torba ezistenti ma kienitx adegwata ghal dak li xtaq.

Meta nduna l-konvenut, kien talab lill-attur jerga’ jaqla’ l-madum u jpoggi torba gdida.

Il-konvenut ghandu verzjoni differeni u jinsisti li kien wera’ l-attur li ried l-madum fl-aktar livell baxx u l-istess attur ma kienx avzah li sabiex dan isir, l-ahjar rimedju kien li terga’ titpogga t-torba mill-gdid.

Huwa minnu li l-konvenut kien inkariga Perit sabiex jaghtih stima tax-xogholijiet li ma kienux skond is-sengha u l-arti. Dwar it-torba, l-Perti ma kienx konsapevoli ta' x'diskors sar bejn il-partijiet u ghalhekk ma setax jasal ghal konkluzzjoni tieghu.

Il-Perit identifika li kien hemm xogholijiet li ma kienux skond is-sengha u l-arti u dawn kienu jikkonsistu fil-madum li tpogga. Kien hemm dizlivell f'xi tlett madumijiet ghaliex kienu aktar baxxi u jekk kienu jinqalghu, kienu jdghajjfu ix-xogholijiet ta' l-injam l-ohra.

Sabiex dan ix-xoghol isir sew, kien jehtieg li  titpogga t-torba u mbaghad isir it-tghorik  u jitbaxxa l-madum. Kien tah stima ta' mitejn u tletin Ewro (€230) sabiex jitqieghed il-madum biss.

Il-Perit identifika ukoll xi xoghol hazin fit-tikhil u zebgha. Kien tah stima ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250)  u cioe' ekwivalenti ghal hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (Eur.582.34)  u dan bhala stima tat-tikhil u blatijiet, ghaliex it-tikhil diga' kien beda jitqaxxar. L-istima kienet tinkludi ukoll l-uzu ta' l-ingenji u t-tibjid fuq il-galleriji, kif ukoll  il-materjal.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, it-Tribunal josserva li l-attur ma kkontestax li  kien hemm dawn in-nuqqasijiet, kif identifikati mill-Perit Scicluna u anke li kieku ma kienux jezistu, l-istess attur ma gabx provi soddisfacenti ghal mod kif ikkalkola l-prezz tax-xogholijiet li wettaq. Il-Perit ikkalkola li l-konvenut kellu johrog xi erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480) u cioe' ekwivalenti ghal elf mija u tmintax-il Ewro u ghaxar centezmi (€1,118.10) sabiex isir ix-xoghol rimedjali.

L-attur ma jistax jivvinta ammont li qed jippretendi ghax-xogholijiet, minghajr ma jsahhah dawn l-ispejjez b'dokumenti relattivi, haga li ma rnexxielux jipprova.

Jibqa' in kontestazzjoni, jekk l-attur kienx avza' lill-konvenut li t-torba ma kienitx tajba ghal dak li xtaq il-

konvenut jew kienx il-konvenut stess li insista li ried il-madum f’livell baxx.

It-Tribunal josserva li l-attur kien aktar konvincenti f’dan ir-rigward, li l-konvenut kien nesa’ jinforma lill-attur li ried l-madum fl-istess livell tal-lifts. Ghandu jinghad ukoll li mid-deposizzjoni tal-konvenut, gie stabblit li kien hemm lift li kien qed jigi installat u minhabba b’dan, il-konvenut kien issikkat finanzjarjament.

Ghalhekk f’dan is-sens, la darba l-attur qieghed il-madum darbtejn, intortament, huwa gust li jithallas ta’ dan ix-xoghol.

Dan iwassal lit-Tribunal ghal eccezzjoni l-ohra mressqa mill-konvenut li l-ammont kien wiehed esagerat ghaliex kien diga’ hallas elf Ewro  (€1,000).

Tenut kont tal-fatt, li l-istima tax-xogholijiet li kienu hziena u li kellhom jerga’ jsiru kif suppost, gew stmati fl-ammont ta’ erba’ mija u tmenin lira Maltin (Lm480) u cioe’ ekwivalenti ghal elf mija u tmintax-il Ewro u ghaxar centezmi (€1,118.10) mill-Perit u dan kienu jinkludu ukoll ix-xogholijiet ta’ tibjid li saru fuq il-galleriji. Tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenut kien hallas elf Ewro (€1,000) diga’, il-konvenut ikun fadallu xi jhallas,  bilanc ta’ mija u tmintax-il Ewros u erbghin centezmi (€118.40) ,

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, limitatament ghall-ammont ta’ mija u tmintax-il Ewro u erbghin centezmu (€118.40) u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess ammont, bl-ispejjes li ghandhom jigu ssopportati zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------